MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Rikors Numru. 862/2007

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel (ID 51677(M)) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti minn Malta Josef Malik (Nru tal-Karta ta' l-identita Slovakka SJ 094349)**
**vs**
**Roman Mraz (Nru tal-Passaport Slovakk 4501432)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fit-13 ta' Awissu, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi dan huwa rikors ai termini tar-Regolament Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja, mahrug fit-22 ta' Dicembru, 2000, kif emendat u applikabbli f'Malta;

Illi l-avukat sottoskritt inghata prokura spegali datata 17 ta' Lulju, 2007 minghand Josef Malik (Nru. tal-Karta' ta' l-

Identita Slovakka SJ 094349), residenti Krizna 26, 811 07 Bratislava, Slovakkja, sabiex jidher f'isem u ghan-nom ta' l-istess mandatur f'dawn il-proceduri, kopja ta' liema prokura qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Illi permezz ta' sentenza tat-12 ta' Awwissu, 1997 (ezegwibbli b'effett mill-15 ta' Awwissu, 1997), moghtija mill-"Okresny sud Bratislava 111" (ossija "District Court Bratislava 111") fl-Islovakkja, fl-ismijiet "Josef MALIK -vs- Roman MRAZ" l-intimat gie ddikkjarat debitur tar-rikorrent fis-somma ta' mitejn u erba' mitt elf Koruny Slovakki (SKK 240,000.000), u sussegwentement gie kkundannat illi jhallas lir-rikorrent nomine s-somma msemmija lill-istess rikorrent, oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) per annum mit-22 ta' Dicembru, 1994 sat-30 ta' April, 1995, u bir-rata ta' dsatax fil-mija (19%) per annum mill-1 ta' Mejju, 1995 sal-gurnata tal-pagament effetiv; u inoltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal disat elef u sitt mitt Koruny Slovakki (SKK 9,600.00) - u dana skond kif jirrizulta mill-kopja awtentikata tas-sentenza in kwistjoni fil-lingwa Slovakka annessa u mmarkata bhala Dok. B, ic-certifikat ta' awtentiticita ta' I-istess sentenza (Dok. C), flimkien ma' traduzzjonijiet awtentitikati ta' dawn iz-zewg dokumenti bil-lingwa Ngliza mmarkati bhala Dok. D u Dok. E rispettivament;

Illi s-sentenza fuq citata hija ezegwibbli fI-Islovakkja;

Illi I-valuta fl-Liri Maltin u f'Euro skond ir-rata tal-kambju prezenti tas-somma dovuta lir-rikorrent, eskluzi I-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji, hija ta' tliet elef u disghin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm3,090.72) ekwivalenti ghal sebat eIef, mija u disgha u disghin Euro u
erbgha u erbghin Euro centezmi (€7,199.44);

Illi I-esponenti ghandu interess illi jezegwixxi s-sentenza fuq Citata kontra I-intimat, illi huwa ta' nazzjonalita Slovakka u kwindi Citaddin ta' I-Unjoni Ewropeja, u residenti regolarment f'Malta;

Talab ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suspjegati lill-konvenut ighid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara ezegwibbli u konsegwentement tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jezigi l-hlas tas-somma fuq imsemmija tal-valuta f'Liri Maltin u / jew f'Euro (skond liema munita tkun dik ufficcjali f'Malta fid-data ta' l-ezekuzzjoni de quo), fl-ammont ta' tliet elef u disghin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm3,090.72) ekwivalenti ghal sebat elef, mija u disgha u disghin Euro u erbgha u erbghin Euro centezmi (€7,199.44) bl-imghaxijiet u l-ispejjez kif dedotti fis-sentenza citata;
2. Bl-ispejjez ta' dina l-procedura kontra l-intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tad-dokumenti esebiti mill-attur nomine;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Semghet lill-attur nomine waqt is-seduta ta' l-10 ta' April 2008 jiddikjara bil-gurament tieghu illi mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern huwa baqa ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine kif dedotta fir-rikors guramentat;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------